**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbatax (14)

## It-Tlieta, 2 ta' Gunju 2020

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur żamm din il-laqgħa permezz ta' Conference Call fid-dawl tal-Coronavirus u Social Distancing, fl-4:00pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**14.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm ħadd assenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**14.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tat-tlettax (13) il-laqgħa tat-3 ta' Mejju, 2020 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, Eucharist Camilleri bħala Proponent u Jean Paul Portelli bħala Sekondant.

**14.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv bgħatet id-dokumenti biex nieħdu lura l-flus bl-ammont ta' madwar 2,000 euro fil-kont tagħna mingħand is-Central Bank u qed nistennew konferma fuq dawn. Rigward il-Co-financing qed nistennew risposta rigward meta u kemm ser nieħdu fondi fuq il-proġett tar-Rural Roads mingħand il-Bord. Rigward il-Variations fuq ir-Rural Roads is-Sindku flimkien mas-Segretarja u l-Kunsilli l-oħra kellhom laqgħa mal-Ministru u wara diskussjoni miegħu ġie maqbul li nibgħatu dokumenti meħtiega u talba sabiex jagħmlilna tajjeb fl-aħħar tas-sena 2020. Is-Sindku spjega l-ammonti li tħallsu mingħand il-Miżura 4.3 u l-ammont tal-WSC li ser jitħallsu minn naħa tal-Kunsill barra dawn ikun fadal l-ammont li ser nirċievu mingħand l-co-financing. Il-MGOZ imbgħad ser joħrog l-ammont fuq il-varjazzjonijiet. Il-Viċi Sindku għamel rimarka biex noħorgu stqarrija dwar dan wara li nkunu ngħatajna l-għajnuna.

Rigward il-Bajja ta' San Blas, is-Sindku għamel talba lil Ministru għal Għawdex peress li l-Kunsill ma jistax jibni toroq u ma għandniex fondi għal dan. Kien hemm qbil li noħorgu bhala kunsill 5,000 euro minn kont ta' 40,000 euro għax-xogħol u sement u l-bqija jinħargu minn naħa tal-MGOZ. Il-Gvern ser jagħmel il-ħajt tas-sejjieħ u ir-railings.

Il-Kunsill baqalu jirċievi €4,000 fuq Halloween, madwar €2,000 central bank fuq M4.3, €15,000 MGOZ tal-Karnival u €11,000 skema tal-Karnival.

Is-Sindku innota li saret talba lil DLG peress li naqsulna €10,000 mil-allokazzjoni tal-Kunsill. Huma infurmaw lil Kunsill lura li ma hemmx fondi peress li diga tqassmu u ser jikkunsidrawa għas sena 2021.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Il-Kunsill għandu pendenti l-ammont ta' €208,000 fuq il-fondi tal-DPF u l-kuntratti pendenti huma eskluzi minn dan l-ammont. Dwar progetti fil-futur ser jiġu diskussi aktar il quddiem.

Is-Segretarja innotat li hemm screen tal-komputer li mhux jaħdem li jrid jintrema. Kien hemm qbil fuq dan.

Kien hemm qbil li jinħargu pagament lil Richard Cauchi mill-kontijiet ta' qabel u kif ukoll li Gatt Tarmac Ltd bl-ammont ta' 10,000 euro.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda.

**14.4. Quarterly Report January-March 2020 u Financial Statements 2019:**

Kien hemm prezenti l-Accountant tal-Kunsill u provdiet update fuq dawn ir-rapporti. Wara diversi mistoqsijiet dawn ir-rapporti gew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsillier Joseph Vella faħħru l-mod ta' kif il-Kunsill qed jaħem bil-għaqal fuq il-finanzi.

**14.5. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

14.5.1 ***Aperturi tal-Uffiċċju tal-Kunsill*** – Dawn huma lesti.

14.5.2 ***Qtugħ ta' ħaxix*** – Dan sar f'diversi inħawi madwar in-Nadur u saru anke clean ups minn Chris Paul Cardona, Mario Cardona u Joseph Cauchi. Saru dawn l-areas:-

Joseph Cauchi – Triq Zrajk , Triq Ġnien ta' Kenuna, L-area ta' Grunju kollha, il-Playing Field tal-Ħali, il-Belveder DC Cocco Palmeri, Triq Daħlet ix-Xagħri ta' Barbra, Triq San Gwann, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber, Triq Lazzru Pisani, Triq Piju Cellini, Triq FS Sciortino, triq Papa Ljun XIII, Il-Monument ta' kenuna u l-pasaġġ. Triq il-Madonna ta'

Faqtima, Il-Ġebel l-Aħmar, Triq ir-Ramla l-Qadima, Triq ta' Ċimċem, Triq il-Knisja, l-Area ta' Kenuna u ix-Xagħri, Zbir fil-bushes u hedges kollha tal-Ġnien il-Kunsill.

Chris Paul Cardona u Mario Cardona – Triq il-Buskett, Ġnien l-Indipendenza, Triq it-Torri Sopu u Triq Wied ir-Riħan.

14.5.3 ***Tabelli*** – Saru xi tabelli fit-toroq Sqaq Dun Gorg Preca, fil-Ġnien tat-torri ta' Kenuna u Triq Franġisk Attard.

14.5.4 ***Sement***- Il-Kunsill irranga il-puntuni ta' Daħlet Qorrot u saru bullards u sement fuq iċ-ċint ta' San Blas li kien bena l-Kunsill.

*14.5.5* ***Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv*** – Ser isiru xkaffi ġodda u jinxtara materjal li hemm bzonn.

14.5.6 ***Indafa u Stock taking fil-Kunsill-*** Il-Ħaddiema Silvana Xuereb taħt skema CWS organizzat l-albums kollha tar-ritratti u hem ukoll stock taking tagħhom. Issa ser nibdew nagħmlu prints ta' albums ġodda ta' ritratti riċenti.

14.5.7 ***Żviluppi wara Laqgħa mal-Ministru għal Għawdex:***

a. Triq l-Mgarr – Ix-Xogħol qed jitkompla fuq din it-triq.

b. Triq ta' Kenuna u Triq il-Madonna ta' Fatima – Triq il-Madonna ta' Fatima fadal biss li jsiru r-railings u ċ-ċint. Rigward Triq ta' Kenuna għadhom qed jistennew l-approvazzjoni ta' Traffic Management Plan.

c. Triq it-Tigrija u Triq il-Qala – Rigward dawn it-toroq saret talba formali fuqhom permezz ta' ittra lil MGOZ.

d. Triq ta' Daħlet Qorrot – Il-Kunsill qed jistenna l-istima mingħand il-Perit.

e. Il- BOQs tat-toroq residenzjali fin-Nadur – Dawn qed isiru mill-perit tal-Kunsill.

f. Ħaddiema fis-Siti ta' Attrazzjoni fin-Nadur - Il-Kunsillier Joseph Vella ser jsegwi din.

g. Railings li jinsabu fi Triq ir-Rabat– Rigward dawn saret talba formali lil MGOZ qed nistennew risposta.

h. Latrina fil-Bajja ta' San Blas – Il-Perit qed jagħmel il-pjanta. Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka rigward li mhux qed ikun hemm mobile toilets hemm. Is-Segretarja ser tara fuq dan mal-MGOZ.

i. Child Care Centre u Dar ta' l-Anzjani – Din għalissa pending minhabba l-COVID-19. .

14.5.8 ***Bozza Triq ir-Rabat*** – Din waslet u ser teħel.

14.5.9 ***Bozza Triq Andar*** – Qed nistennew stima tax-xogħol involut pero peress li x'aktarx ser tiġi tiswa wisq jista' jkun li l-Kunsill ma jagħmilix.

14.5.10 ***Trinka fi Triq Daħlet Qorrot-*** Din lesta.

14.5.11 ***Sement mar-rampa fi Triq taz-Zrajk***- Din lesta.

14.5.12 ***Kantuni u sement fi Triq il-Qortin***- Dawn lesti ukoll.

14.5.13 ***Rampa fi Triq Vjal l-Imnarja***- Din lesta.

14.5.14 ***Sement fuq il-ħajt taċ-Cint fi Triq San Blas***- Din lesta.

14.5.15- ***Yellow lines faċċata ta' garage fi Triq il-Madonna ta' Fatima-*** fuq dawn saret talba formali lil TM.

14.5.16***- Bankijiet fi Triq ir-Rabat-*** *dawn tresqu lura biex ma ikissrux il-bolavostri***.** Il-Kunsillier Jean Paul Portelli ta update rigward il-bolavostri u ser jiehu ħsieb jordna hu.

14.5.17 ***Pendenti*** - Street paint fi Triq it-Tigrija, ħofra fi Triq ir-Rabat kantuniera ma Triq Duru, Patching fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Patching fi Triq Wied ir-Rihan, ħamrija fi Ġnien l-Indipendenza, Trab fil-Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Bankina fi Triq il-Madonna ta' Lourdes.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

14.5.18 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Bankina fi Triq DC Cocco Palmeri – qed nistennew li jasal il-madum mingħand is-sid u nagħmluha u is-sement f'din it-triq lest ukoll.
- Ix-xogħol fuq il-ħitan ta' Daħlet Qorrot bdew.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx u Ċint biex inżiedu xi ġebel.

14.5.19 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

- Bozza fi Triq Knisja – Din twaħħlet.
- CCTV ta' ħdejn l-iskola- Il-Kumpanija Green pak ġew u jidher li trangat il-problema. Qed nistennew risposta dwar kif u meta nistgħu nieħdu r-recordings.
- Disabled Parking f'San Blas- Il-Kunsill applika għal dan.
- Passaġġ ta' l-injam fil-Bajja ta' San Blas- Il-Kunsill bgħat talba lil MGOZ.

14.5.20 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri***:

- Il-Ħajt fi Triq il-Qortin- inbeda xogħol fuqu.
- Rigward il-Maintenance tat-Torri ta' Sopu il-Kunsill kellem lil LDAH imma għamluha ċara permess ta' e mail li mhux ser jidħlu fl-ebda spejjez fejn jidħol maintenance f'dan it-torri.
- Pendenti: Sement fi sqaq tad-Duru.

14.5.21 ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli qed nistennew risposta mingħand l-Inġinier u l-Enemalta. Ittra inbgħatet lil residenti.
- Talba għal bankina fi Triq l-Mnarja saret bil-customer care.
- Patching fl-area tal-Ġebel l-Aħmar sar.
- Maintenace fuq statwa tal-Madonna fi Triq it-Tramuntana lest ukoll.
- Pendenti: Sement fi Triq ir-Rabat, Patch fi Triq il-Knisja, u bini ta' Ħajt f'Daħlet Qorrot.

14.5.22 ***Żviluppi dwar dwar is-sadid li hemm fil-Gym Equipment fil-Belvedere DC Cocco Palmeri***

Il-Kunsill talab parir legali mingħand Dr. Chris Said u infurmana li ladarba l-flus pendenti huwa fuq l-istess proġett allura għandna dritt inzommuhom sakemm jitranga id-difett. Hu qalilna li għandna nkunu komdi bix-xogħol li jkun sar. Kien hemm qbil li tersaq mozzjoni dwar dan sabiex ma nħallsux bilanċ għalissa u li anke x-xogħol ikun taħt supervizjoni meta isir.

- *Mozzjoni mingħand il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri: Nitlob lil Kunsill Lokali japprova li l-bilanċ ta' ftit aktar minn €3,000 relatat mal-proġett ta' Outdoor Gym u Safety Mats fil-Belvedere DC Cocco Palmeri, ma jitħallasx qabel isir ix-xogħol neċessarju relatat mas-sadid li ħareg f'inqas minn sena li ġew installati. Nitlob lil Kunsill Lokali japprova li ma jitħallas l-ebda bilanċ qabel ix-xogħol jerga jigi verifikat mill-esperti u li waqt ix-xoghol ikun hemm persuna tirraprezenta lil Kunsill sabiex tara li x-xogħol sar tajjeb. Il-Kunsill ghandu izomm lil kuntrattur responsabbli jekk dan id-difett jerġa joħrog saz-zmien kopert bil-garanzija. Il-Kunsill għandu jibgħat bil-miktub lil kuntrattur dwar dan. Il-Kunsillier Joseph Vella issekonda din il-mozzjoni u l-Kunsilliera l-oħra kollha favur. Il-Mozzjoni għaddiet.*

14.5.23 ***Dog Park fil-Qortin ta' Isopu*** – Il-Kunsill bgħat ittra lid-Direttur responsabbli.

**14.6. Offerti Pubbliċi.**

NLC 2/2020- The Maintenance of Garden and Public Convenience in Gnien il-Kunsill- L-orħos waħda u konformi li kienet ta' Joseph Cauchi bl-ammont ta'€2,640 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

NLC 3/2020- Tender for the services of architect contracts manager- L-orħos waħda u konformi li kienet ta' Edward Scerri bl-ammont ta'€2,230 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

Kien hemm qbil li ngħaddu pagament lil persuni fuq il-bord tat-tenders.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**14.7. Korrispondenza**

| | |
|---|---|
| 6609 | Cir AKL 2020/046 Webinar: Adapting to climate change \| 12th May 2020 |
| 6610 | Cir AKL 2020/042 - COVID-19 Awareness Campaign - Commission for Gender Based Violence and Domestic Violence |
| 6611 | Cir AKL 2020/048 Best Practices in Participatory Process - Join the next ALDATalk! |
| 6612 | Cir AKL 2020/049 Kilometri ta' spazji pubblici b'rotot ghall-l mixi, ciklizmu u spazji mitfuha ghar-residenti zghar u kbar fil-lokalitajiet taghna |
| 6613 | Cir AKL 2020/050 Important notice regarding submission of Health Claims |
| 6614 | Cir AKL 2020/051 Save the date for #EUSEW2020! - EU Sustainable Energy Week |
| 6615 | Estenżjoni ta' Ftehim - ĊIRKULARI NUMRU SPI 10/2019 – SKEMA FINANZJARJA ŻVILUPP TA' LIBRERIJI LOKALI/REĠJONALI F'ĊENTRI TAL-KOMUNITA' |
| 6616 | Cir AKL 2020/052 Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv 31 (emendati) Laqgħa tal-Eżekuttiv 32 |
| 6617 | Cirkulari 5 2020 CoronaVirus -Mizuri tta Prekawzjoni V4 |
| 6618 | Cir AKL 2020/053 - Yellow 'Please keep your social distance' stickers |
| 6619 | Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 92 |
| 6620 | PQ 14704 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Kunsilli Lokali – ħlas bil-card u laqgħat "on demand" |
| 6621 | Cir AKL 2020/054 - Free online course for ALDA's members - Register now |
| 6622 | Proposta għall-Offerti Reġjonali - Contracts Manager u Preventive & Routine Maintenance Contractor responsabbli mid-Decorative Lights u Dwal ieħor tal-Kunsilli Lokali- |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| | Ħafna kunsilli qed jiddeċiedu li ma jidħlux fil-kuntratt u minflok iqassmu ix-xogħol lil electricians li jaqduna mal-ewwel.<br>• *Is-Sindku għamel Mozzjoni – Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-proposta tar-Regjun li jkun hemm Offerta Regjonali għall Contracts Manager u Preventive Maintenance Contractor biex ikunu responsabbli mid-decorative lights u dwal tal-Kunsilli. Qed nipproponi li fejn jidħol decorative lights ix-xogħol ma ikunx marbut ma kuntrattur u tender wieħed izda jitqassam ix-xogħol u jingħata lil min jagħmlu malajr. Għalhekk bhala Kunsill ma nkunux parti minn dawn l-offerti. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issekonda din il-Mozzjoni u kien hemm qbil bejn dawk prezenti. Il-Mozzjoni għaddiet.* |
| 6623 | Cir AKL 2020/054 - Promotion of Aġenzija Żgħażagħ Services |
| 6624 | Cir AKL 2020/056 EUCF Webinar 30/05/2020 @ 9am |
| 6625 | Cir AKL 2020/055 Ittra mibgħuta lill-Ministeri u Entitajiet ikkonċernati rigward il-problema fuq il-ġbir ta' skart riċiklabbli |
| 6626 | Il-Cir AKL 2020/057 Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjeta - Webinar - Il-pandemija tal-COVID-19 u kif l-imxija tagħha impattat il-benesseru tan-nies f'Malta |
| 6627 | Funds Opportunity Knocks - OK Project - Local Councils |
| 6628 | Cir AKL 2020/058 - Applikazzjoni għall-EPOS machines – **Din ġiet approvata mill-BOV u ser naraw fuq spejjez qabel installazzjoni.** |
| 6629 | LC CARE Project Grant Support Scheme - Codes microchipping cats |
| 6630 | Cir AKL 2020/059 Active Ageing and Community Care application |
| 6631 | Cir AKL 2020/060 Dokument proġġett Slow Streets u laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi |
| 6632 | Cir AKL 2020/061 EUCF 1st National Webinar - Webinar Link u Preżentazzjoni |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| 6633 | Cir AKL 2020/050 Important notice regarding submission of Health Claims |

Rimarki oħra:-

- Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas il-Membership tal-GAGF bl-ammont ta' 500euro.
- Il-Kunsill talab lil MGOZ għall-bins fit-Triq ta' Għajn Qasab.
- Il-Kunsill irċieva e mail mingħand Charles Bezzina dwar kotba Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex. Kien hemm qbil li l-Kunsill jixtri wieħed fil-librerija tal-Kunsill u ieħor għal librerija Pubblika.
- Kerbside Truck- Kien hemm diskussjoni fuq id-dati u areas. Dan is-servizz jidher li intlaqqa' tajjeb ħafna mar-residenti.
- Is-Sindku innota li r-Reġjun għal Għawdex qed jagħmel pressjoni lil Awtoritajiet konċernati biex isibu soluzzjoni peress li l-Kuntratt Street lightning ser jgħalaq din is-sena. Ir-Reġjun għal Għawdex ser jibgħat ittra ukoll lil Prim Minsitru fir-rigward tar-registrazzjoni tal-artijiet.

**14.8. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**14.8.1 Urban Greening –** Sar rapport mill-espert, feedback mill-Kuntrattur u cerification ta' 90 - 95% tax-xogħol. Kien hemm qbil li jsir part payment ta' 90% u kif jiġi ċertifikat il-kumplament jitħallas ta' kollox.

**14.8.2 Live Streaming** - Is-Sistema hija lesta u ser ikunu l- lqgħat on-demand.

**14.8.3 Triq ir-Ramla l-Qadima** – Saret site visti mal- WSC u kollox maqbul għax-xogħol. Il-Kuntratt ġie iffirmat ukoll.

**14.8.4 Triq Daħlet Qorrot –** Waqa' ħajt u qed ċċedi t-Triq u bħala kunsill tlabna l-għajnuna tal-MGOZ jintervjeni u dan ser jaħtar Perit.

**14.8.5 Maintenance tad-Dawl:**

- **Ta' Kenuna –** Dan lest u jollox qed jaħdem. Qed insaqqu ukoll issa mill-pond.
- **Ġnien il-Kunsill** – Il-monument lest u issa inbidlu l-globi kollha.

- **Ġnien u Playing Field San Blas** – Ix-Xogħol lest u qed nistennew lil Enemalta jaqilbu fuq il-meter tagħna. Sar xogħol ukoll fuq il-partita ta' San Blas.
- **Pjazza San Pietru u San Pawl** – Sar xogħol ta' maintenance fuq il-brazzi fil-Pjazza 28 t'April 1688.
- **Playing Field tal-Ħali** – Qedin nigbru kwotazzjoni biex issir kaxxa ġdida u ikollna supply tad-dawl.
- **Latrina ta' Daħlet Qorrot**- Qed naraw kif ha nirrangaw is-sistema biex taħdem aħjar.

**14.8.6 Maintenance Ġenerali –** Kompla għaddej il-maintenance fil-Pjazza San Pietru u San Pawl fosthom il-Kanuni. Il-bankijiet madwar ir-raħal. Saret ukoll maintenance tal-gazebo ta' Ġnien il-Kunsill u anke irrangaw il-madum u fili fil-Latrina ta' dan il-Ġnien. Il-bankijiet tal-Pjazza Dun Martin Camilleri u żbir tas-sigar minn ELC ukoll. Trangat il-mappa fi Triq DC Cocco Palmeri tal-Aluminium.

**14.8.7 Żebgħa tar-Railings fil-Ġnien il-Kunsill** – Dawn ser isiru minn ħaddiem tal-CWS.

**14.8.8 Cameras fi Ġnien il-Kunsill** – Sar testing u kollox spiċċut u antik. Il-Kunsill gab proposta mingħand G4S għal 3,000 euro li ma tinkludix wire u conduit. Kien hemm qbil li dan ix-xoghol isir b'direct order peress li kienu l-istess kuntratturi li installaw ix-xoghol u ghamlu t-testijiet fil-passat.

**14.8.9 Sistema ta' tisqija –** Jidħer li sejrin tajjeb ħafna. Ma kellna l-ebda mwiet ta' Pjanti u sigar u anke tajna treatment lis-sigar taz-zebbug li hemm fil-Pjazza San Pietru u San Pawl**.**

**14.8.10 Bini ta' ħajt fi Triq Bingemma (Community Centre**) – Inbgħatet ittra u jidher li m'hemmx problemi biex jitneħħa l-vetturi. Qed nistennew mingħand il-Perit dwar il-linja tat-triq. Ix-Xogħol tal-ħajt ser isir minn Road Construction max-xogħol u anke il-bankina.

**14.8.11 Railings ta' kenuna**- Il-Proġett kwazi lest u daqt jibda l-installazzjoni. Pero għalissa kellhom jingabru ftit minnhom minhabba it-Triq ta' kenuna u se nikru għal ftit garage f'Tal-Ħali.

**14.8.12 Sigra fi Triq San Gakbu**- Tnaddaf il-ħamrija u sar gebel apposta minhabba il-ħmieg tal-annimali.

**14.8.13 Pendenti**: Festun tal-fiss fil-Pjazzetta; Railing tal-Monument tal-FECC; Fossa ta' Ġnien il-Kunsill; Bus shelter fi Pjazza San Pietru u San Pawl.

**Rimarki oħrajn**:- irridu jitrangaw il-Merħba signs, isir bicycle rack fil-Pjazza San Pietru u San Pawl, Irid isir tikhil tas-soft area ta' Triq ir-Ramla l-Qadima wara li issir it-Triq, Isir compound mas-saqaf tal-partita ta' San Blas għax qed jittikol, tikħil u zebgħa lil kantuni fuq ġew, injam ġdid isfel biex jaħbtu boċċi magħħom. Kien hemm qbil fuq dan kollu. Kien hemm qbil ukoll li terggħa tibda l-borza is-sewda fis-sajf nhar ta' is-Sibt.

**14.9. Inizzjattivi u Żviluppi rigward Covid-19**

14.9.1. Is-Sindku innota fl-uffiċċju tal-Kunsill ma hu jidħol ħadd ġew għal gid tal-ħaddiema.

14.9.2. Il-Ħaddiema fuq barra baqgħu għaddejjin pero ma jiltaqgħux ma' nies.

14.9.3. **Inizzjattiva tal-Artwork tat-Tfal** – Din kienet ta' suċċess speċjalment il-bannar li twaħħlet fl-entratura tan-Nadur. Il-Kunsill involva ħafna tfal u mingħajr kompetizzjoni. Kien hemm madwar mitt artwork.

14.9.4**. Inizzjattiva Anzjani tad-Day Centre Nadur** – Tqassmu pjanti b'messagg u ħallew effett qawwi fost l-anzjani.

14.9.5. **Mnarja 2020** - Qed isiru videos tal-ħrug ta' l-istatwa,Il-Wirja Agrarja, L-Ikla Tradizzjonali, L-Attivita tat-tfal, Il-Marċ tal-ħdax u l-Purcissjoni. Il-Kunsill qed jagħmel bannar ukoll għal entratura tan-Nadur. Ser ikun hemm suppost festun tad-dawl fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

14.9.6. Is-Suq fil-Beraħ: Kien hemm diskussjoni fuq meta għandu jerggħa jibda dan is-suq. X'aktarx f'nofs Gunju imma kien hemm qbil li nibqu b'kuntatt mal-Kunsilliera fuq data u jibda.

**14.10. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

**14.10.1 Attivita' librerija:** Din l-attivita' hija posposta u nistgħu nagħmluha sa Novembru.

**14.10.2 Ħbiberija ma' Ħad Dingli:** Din l-attivita' qed tiġi posposta.

**14.10.3 Charter tal-Librerija:** Infurmajnihom li mhux ser issir fis-sena 2020.

**14.10.4 Safra Cicciano:** Il-Kunsill qabbad il-persuna Charles Xuereb u beda jaħdem fuq il-Claims.

**14.10.5. Wine Festival:** Il-Kunsill ser joħrog l-avviz ta' kancellazzjoni minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19.

**14.11 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**14.11.1 Rikjesti mis-Sindku:**

- Talba għal bozza fi Triq il-Qala- Kien hemm qbil fuq dan.
- Bin fil-partita ta' San Blas- kien hemm qbil fuq dan.
- Zebgħa lil Madonna fil-Ġnien il-Kunsill u bandla, zurzieqa u railing tal-playing field ta' San Blas- kien hemm qbil fuq dan.
- Bzonn ta' sement fi Triq Ciciano– kien hemm qbil fuq dan.
- Patch biex titranga fi Triq Piju Cellini- Il-Kunsill ser jara fuq din peress li jidher li hemm problema waqt li saru xi servizzi.
- Talba għal uniformi tas-sajf tal-Ħaddiema. Kien hemm qbil fuq dan.

**14.11.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

- Talba għal yellow lines fi Triq ir-Ramla – irridu naraw x'iridu ezatt qabel immexxu.
- Sement fi Triq ir-Rabat- Kien hemm qbil.
- Talba għal yellow lines quddiem rampa fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Il-Kunsill ser jara fuq din it-talba.

**14.11.3 Rikjesti mill-Kunsillier Joseph Vella:**

- Talba biex isir railing f' San Blas. Dan ser isir minn naħa tal-Gvern Centrali.
- Talba biex isir tip ta' Carcade bl-istatwa fil-Festa. Ma kienx hemm qbil fuq dan peress li Kunsill ma jistax jithol għal din ir-responabilita'.

**14.11.4 Rikjesti mill-Kunsillier Jean Paul Portelli**:

- Talba biex isir bin fi Triq San Gakbu. Diga hemm wieħed.
- Talba għal bin tac-charcol fil-Bajja ta' Daħlet Qorrot. Is-Sindku innota li diga hemm wieħed.
- Talba għal disabled ramp/rail fil-bajja ta' Daħlet Qorrot. Il-Kunsill ser jara fuq dan.

**14.11.5 Rikjesti mill-Kunsillier Josef Camilleri:**

- Ma kienx hemm rikjesti.

**14.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju, 2020 fl-4:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva